MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 945/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**ALEXANDRA FALZON SCERRI**

## Il-Qorti;

Rat li l-imputata **ALEXANDRA FALZON SCERRI** ta' tlieta w erbghin sena bint Emanuel Ellul u Rita nee Cremona, mart Norman, imwielda Marsa nhar t-tmintax ta' Marzu 1959 u residenti 'St. Rita', Triq Balbi, l-Marsa, detentrici ta' karta tal-identita numru 210559M giet imressqa quddiemha akkuzata;

1. talli fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2001 u fis-snin precedenti, f'dawn l-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda, fil-kapacita taghha ta' direttur tas-socjeta Modern Blow and Packaging Limited, approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' tnax il-elf mija tlieta w tmenin lira maltin u hamsa w tmenin centezmu migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha;

2. talli fil-kapacita taghha ta' direttur tas-socjeta Modern Crown Stoppers Company Limited, approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' tmintax il-elf hames mija hamsa w tmenin lira maltin u erbgha w sebghin centezmu migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha;

3. talli fil-kapacita taghha ta' direttur tas-socjeta Waste Control Services Limited, approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' sebgha w ghoxrin elf sitt mija tlieta w ghoxrin lira maltin u sebgha centezmi migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha;

4. talli fil-kapacita taghha ta' direttur tas-socjeta Modern Plastic Containers Limited, approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' wiehed w erbghin elf tmien mina disga w tmenin lira maltin u hdax il-centezmu migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilha, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax ta' Novembru 2002 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 a fol 8.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 [fol 223] ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll d-denunzja ppresentata mill-imputat stess lil Ufficjal tal-VAT u l-Memorandum of Articles and Association ta' Waste Control and Services Limited esibit bhala dokument CSH 4 a fol 11 et seq tal-atti, ta' Modern Plastic Containers Limited esibit bhala dokument CSH 5 a fol 58 et seq tal-atti, ta' Modern Crown Stoppers Company Limited esibit bhala dokument CSH 6 a fol 111 et seq tal-atti, u ta' Modern Blow and Packaging Limited esibit bhala dokument CSH 7 a fol 157 et seq tal-atti.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-hdax ta' Ottubru 2006 li kienet ghalqet il-provi taghha u lid-difiza tiddikjara fl-istess seduta li kienet qed tirrimetti ruhha ghal atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 223] fejn spjega li kien ircieva erbgha rapport mid-Dipartiment tal-VAT fil-konfront ta' certu Mario Ellul u tal-imputata fil-kwalita taghhom ta diretturi ta' erbgha kumpaniji u cioe Waste Control and Services Limited, Modern Plastic Containers Limited, Modern Crown Stoppers Company Limited u ta' Modern Blow and Packaging Limited u li dawn l-erbgha kumpaniji bejniethom kellhom jaghtu lil dan d-dipartiment aktar minn mitt elf lira ghal VAT migbura qabel l-wiehed u tletin ta' Marzu 2001 u dan wara li gie ddikjarat mill-istess kumpaniji li dawn il-flejjes ingabru f'isem il-Gvern. Kompla

jghid lil lil imputata presenti fl-awla hu kien kellimha fl-ufficju tieghu nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2002 fejn wara li taha s-solita twissija, irrilaxxjat stqarrija li tinsab esibita bhala dokument CSH 3 [fol 9] fejn fuqha kkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputata kif wkoll ta' PS 130 Ivan Cilia fuq iz-zewg faccati taghha.

Spjega li dakinhar l-imputata kienet ikkonfermatlu li hi flimkien ma huha huma diretturi tal-erbgha kumpaniji msemmija u li dawn l-kumpaniji kienu fi stat finanzjarju hazin u li kienet qed taghmel minn kollox sabiex tqajjimhom fuq saqajhom peress li kien hemm xi ghoxrin haddiem jahdmu fihom u ma riditx li jitilfu xogholhom. Ikkonfermat wkoll li l-flus imsemmija ingabru bhala VAT minnha u li ma kienetx ghaddiethom lil Gvern minhabba l-problemi finanzjarji msemmija.

Illi **Paul Scicluna** rappresentant tal-VAT xehed f'diversi seduti w informa lil Qorti li pendente lite l-imputata kienet qed taghmel diversi pagamenti lid-Dipartiment tal-VAT u fil-fatt l-bilanc dovut kien naqas hafna.

Illi din il-Qorti halliet din il-kawza pendenti ghal zmien konsidervoli bil-ghan li l-imputata tilhaq thallas d-debitu taghha lid-Dipartiment pero ghalkemm ghaddew kwazi erbgha snin, l-imputata ghad fadlilha xi bilanc.

Illi nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 **xehed PS 130 Ivan Cilia** [fol 245] fejn wara li ra l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata presenti fl-awla, esibita bhala dokument CSH 3 [fol 8] ikkonferma fuqha kemm il-firma tieghu, dik tal-imputata kif wkoll dik tal-Ispettur Joseph Cordina fuq z-zewg faccati taghha.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li l-imputata kienet taf li qed tikser l-ligi meta zammet l-flus li gabret li kienu dovuti lid-Dipartiment tal-VAT u dan ghaliex l-ghan specifiku ta'dak l-gbir kien li l-istess flejjes jigu mghoddija lil dan d-dipartiment.

Illi pero jirrizulta li dan nonostante, l-imputata qed thallas lura din s-somma flus u dan ghaliex ghamlet ftehim mad-Dipartiment tal-VAT li in effetti qed tonora skond x-xhieda ta’ Paul Scicluna.

Il-Qorti ma thossx li ghandha timponi multa fuq l-imputata u dan ghaliex b’hekk tkun qed tkompli tghakkisha. Lanqas ma thoss li ghandha timponi piena karcerarja effettiva ghaliex b’hekk l-ftehim li hija ghandha mad-Dipartiment tal-VAT ma jkunx jista jigi onorat.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputata esibita a fol 6 et seq tal-atti odjerni markata bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li l-imputata ghandha fedina penali li fuqha hemm registrati zewg *convictions* wahda fis-sena 1996 li tirrigwarda xi reat ta’ portata zghira u cioe li naqset li tidher quddiem l-Awtorita Nazzjonali meta kienet giet hemm mitluba, fejn inghatat multa w ohra fis-sena 2001 rigwardanti reat wkoll naxxenti mill-Ordinanza tal-VAT fejn inghatat multa.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 18, 293, 294, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li qed ssib lill-imputata ALEXANDRA FALZON SCERRI hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha** u stante li l-ammont misapproprjat kien wiehed kbir, **tiddecidi li tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ sena [1] sospiza ghal perjodu ta’ tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Tordna wkoll lil imputata, ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, thallas s-somma ta’ tlieta w ghoxrin elf tmin mija wiehed w erbghin lira u tlieta w ghoxrin centezmu [LM23,841.23] lid-Dipartiment tal-VAT fi zmien sitt xhur mill-lum, rappresentanti il-bilanc dovut minnha lil dan d-dipartiment fuq iz-zewg kumpaniji fejn hija direttur u cioe Waste Control and Services Limited u Modern Plastic Containers Limited.

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputata l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos li tosservaha.**

**L-imputata minn naha taghha tiddikjara li fehmet ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk tonqos li tosservaha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------